MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 107/1986/1

**George Galea**

**v.**

**Giovanni Elia Zammit Haber u Joseph Spiteri**
**u b’ digriet tat-3 ta’ Ottubru 2006 il-ġudizzju ġie trasfuż**
**f’isem Mary Helen armla ta’ Giovanni Elia Zammit Haber**
**flimkien ma’ uliedha Lawrence, Joan xebba, Zakkarija, Raymond,**
**Patricia mart Raymond Fenech, Elisabeth Everett mart Philip u John**

**stante l-mewt ta' Giovanni Elia Zammit Haber fil-mori tal-kawża**
**u b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2009 l-Avukat Dr. Mark Busuttil**
**u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina gew nominati bhala kuraturi deputati biex ikomplu l-kawza minflok Joseph Spiteri li miet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan huwa appell ad istanza tal-attur George Galea li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri ta' nhar id-9 ta' Mejju 2007 billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn caħdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tirrevoka l-bqija tal-istess sentenza billi invece tilqa' t-talbiet tieghu u ticħad l-eccezzjonijiet l-oħra kollha.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:
"Permezz ta' dawn il-proceduri l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni li l-mandat ta' inibizzjoni numru 137/86 huwa null u minghajr effett u talab ir-revoka *contrario imperio* ta' l-istess mandat.

"It-talba tal-attur hija bazata fuq il-premessi li:-

"Permezz ta' mandat ta' inibizzjoni numru 137/86 fl-ismijiet **Giovanni Elia Zammit Haber u Joseph Spiteri vs George Galea**, kien intalab u gie ordnat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-attur u li permezz tieghu gie inibit milli jidhol fl-art tal-konvenut Givoanni Elia Zammit Haber u li kienet imqabbla ghand il-konvenut l-iehor, Joseph Spiteri, bil-mixi jew bil-vettura u li jhott jew jaqla' xi parti mill-hitan ezistenti fl-istess art ta' Psaila, Ghajnsielem, Ghawdex.

"L-attur isostni li l-konvenuti m'ghandhom l-ebda raguni legali ghaliex jitolbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni msemmi peress li la l-konvenut Giovanni Elia Zammit Haber ma huwa l-proprjetarju u lanqas l-istess konvenuti ma ghandhom il-pussess tal-istess raba' u dana peress illi skond rizoluzzjoni approvata mill-Kamra tar-Rapprezentanti tat-18 ta' Gunju 1985 (Seduta numru 2581), l-istess art giet dikjarata bhala li tifforma parti mill-Building Area bis-sahha tal-Att numru wiehed (1) tal-1983 u ghalhekk skond l-istess ligi, il-konvenuti la huma proprjetarji u lanqas il-pussessuri tal-istess raba', imma l-istess raba' qieghed f'idejhom biss b'titolu ta' tolleranza.

"L-attur kompla jsostni li ghalhekk m'hemmx l-elementi kif rikjesti mill-Artikolu 876 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) sabiex jinhareg il-mandat peress illi lanqas *prima facie* l-istess konvenuti ma kellhom xi dritt fuq l-istess proprjeta'.

"Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fis-6 ta' Ottubru 1986[1], il-konvenuti eccepew:-

"1. In-nullita` tac-citazzjoni peress li l-Qorti m'hijiex kompetenti li tiehu konjizzjoni l-provi kollha dwar it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, izda sempliciment tikkunsidra jekk mill-provi migjuba quddiem il-Qorti fl-atti tal-istess mandat kienx hemm *prima facie* lok ghall-ispedizzjoni tieghu.

"2. Bla pregudizzju t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan peress li l-qorti kienet gustifikata li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u dan anki in vista tal-provi migjuba fil-kawza Il-Qorti vs George Galea.

"Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri prezentata fis-16 ta' Ottubru 1986[2], gie eccepit li c-citazzjoni hija nulla peress li t-talba kellha tkun ghar-revoka tal-mandat u mhux ghad-dikjarazzjoni tan-nullita` tieghu.

[1] Fol. 18.
[2] Fol. 20.

"Rat l-atti tal-kawza kollha inkluz is-sentenza preliminari tat-2 ta' Gunju 1988 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni ulterjuri dwar in-nullita` tac-citazzjoni.

"Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

"Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' April 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

"1. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

"(a) Permezz ta' rikors prezentat mill-konvenuti fl-1 ta' Awwissu 1986[3], talbu li l-Qorti tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-attur sabiex *"l-intimat jigi inibit milli bi kwalunkwe mod personalment jew permezz ta' terzi, jidhol fil-proprjeta' tal-attur Giovanni Elia Zammit Haber imsejha Ta' Psaila, fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, bil-mixi jew bil-vettura u li jhottu jew jaqilghu xi parti mill-hitan ezistenti fl-istess art"*. It-talba ghall-hrug ta' dan il-mandat saret fuq il-premessa li:-

- "Il-konvenut Zammit Haber huwa proprjetarju tal-art in kwistjoni;
- "Il-konvenut Joseph Spiteri ghandu qbiela fuq l-art.

"(b) Permezz ta' digriet moghti fis-6 ta' Awwissu 1986[4], il-Qorti laqghet it-talba *"billi jirrizulta illi l-agir tal-intimat ikun ta' pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrenti li prima facie jidher li ghandhom"*.

"(c) F'dak iz-zmien l-art tal-konvenut Giovanni Elia Zammit Haber kienet milquta minn Rizoluzzjoni approvata mill-Kamra tar-Rapprezentati taht l-Artikolu 3 tal-Att ta' l-1983 dwar Arei Ghall-Izvilupp tal-Bini (Att numru 1 ta' l-1983). Avviz li deher fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Lulju, 1985.[5]

---

[3] Fol. 12.
[4] Fol. 13.
[5] Fol. 7.

"(d) Snin twal wara din l-art ma baqghetx Area ghall-Izvilupp tal-Bini. Jirrizulta li kemm damet l-art milquta mir-rizoluzzjoni tal-Kamra tar-Rapprezentanti, il-Gvern qatt ma ha l-pussess materjali tal-art.

"(e) Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed isostni li l-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi *"huwa null u minghajr effett legali u mhux vinkolanti di fronti tal-attur"*[6] ghaliex in vista tar-Rizoluzzjoni fuq imsemmija l-art ma baqghetx proprjeta' tal-attur Zammit Haber u lanqas fil-pussess tal-konvenuti, u li l-istess raba' qeghda f'idejhom[7] b'tolleranza biss.

"2. B'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni m'hemmx wisq x'jinghad. Qabel dahlu l-emendi tal-1995 talba ghar-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni kellha ssir permezz ta' citazzjoni, u l-Qorti kellha kull dritt li tissindika jekk jezistux l-elementi ghall-hrug ta' tali mandat. Certament li l-kawza kif istitwita mill-attur ma tatix lok ghal xi nullita`. Fl-istadju li jinhareg il-mandat il-Qorti taghmel investigazzjoni biss fuq *prima facie*, u l-Qorti tifhem li m'hemmx xejn fil-ligi li jivvjeta lill-Qorti milli tissindika jekk verament kienu jezistu l-elementi mehtiega sabiex jinhareg il-mandat. Ovvjament il-Qorti trid tasal ghad-decizjoni mill-provi li jressqu l-kontendenti, pero' dan ma jfissirx li ghandhom jitressqu l-istess provi li jkun saru fil-proceduri ghall-hrug tal-mandat innifsu.

"3. Huma tlieta l-elementi li ghandhom jirrizultaw lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni:-

"(a) L-intimat qieghed jaghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lir-rikorrent;

"(b) Imbaghad li jkun jidher *prima facie* li r-rikorrent ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-intimat li jaghmel dik il-haga li biha jista' jarrekalu hsara; u

[6] Ara citazzjoni.
[7] Fol. 72.

"(c) Fl-ahharnett li l-mandat ikun necessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent.

"Fil-kawza fl-ismijiet **Giacomo Galea vs Pio Bezzina** deciza fil-5 ta' Awwissu 1954[8], il-Qorti ta' l-Appell osservat li fi proceduri ghar-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni ***"dawn huma t-tliet indagnijiet li l-Qorti ghandha taghmel f'din il-kawza"***.

"Kif sewwa qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Connie Galea et vs Joseph Gauci** deciza fis-7 ta' Ottubru 1997:-

"*il-mandat ta' inibizzjoni huwa wiehed mill-atti ntizi biex jikkawtela d-dritt. Trid ghalhekk tinzamm distinzjoni netta bejn l-att kawtelatorju u d-dritt kawtelat.*

*Fid-disposizzjonijiet generali tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) li jirregolaw l-atti kawtelatorji, fosthom il-mandat ta' inibizzjoni, insibu l-artikolu 829 li jiddisponi li kull persuna tista', minghajr ma hu mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha b'xi wiehed jew izjed mill-mandati kawtelatorji msemmijin fl-istess titolu VI tal-Kodici citat li jigu mahruga u esegwiti taht ir-responsabbilta taghha.* ***L-artikolu 873 imbaghad specifikament fuq il-mandat ta' inibizzjoni jiddisponi li l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu biex izomm persuna milli taghmel xi haga, tkun xi tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat. Il-Qorti m'ghandhiex tohrog mandat ta' inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex <u>jitharsu l-jeddijiet</u> ta' min jitlob il-hrug tal-mandat u li <u>prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet</u>***".

"Fil-kawza fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe v. Stephanie Manfre**[9] il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kkummentat hekk dwar ir-rekwizit tal-*prima facie*:-

---

[8] Vol. XXXVIII.i.336.
[9] 8 ta' April, 1988.

*"It-tieni rekwizit, u cjoe 'li dan ir-rikorrenti prima facie jidher li ghandu dawn il-jeddijiet' huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, **jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat**."*.

"4. Il-kawza tal-attur hija bazata fuq il-fatt li fiz-zmien li ntalab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, il-konvenut Zammit Haber ma kienx proprjetarju tal-art u l-konvenuti lanqas kienu pussessuri tal-art in kwistjoni ghaliex din kienet milquta minn Rizoluzzjoni tal-Kamra tar-Rapprezentanti li permezz taghha l-art giet dikjarata biex tkun *"Arei ghall-Izvilupp tal-Bini ghall-finijiet u effetti kollha ta' l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1983 dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini u ghall kull ghan iehor ta' l-istss Att"* (fol. 8). Fit-trattazzjoni tieghu, id-difensur ta' l-attur ghamel riferenza ghax-xhieda li nghatat minn Anthony Pace fis-seduta tas-7 ta' Frar, 1991 in kwantu dan xehed li:-

"(a) Meta art tittiehed taht l-iskema tal-B.D.A, *"issir awtomatikament tal-Gvern u kwalunkwe qbiela illi jista' jkun hemm fuq dawn l-artijiet jispiccaw. Ghalhekk fl-1985, dik l-art saret tal-Gvern"*.

"(b) Il-bdiewa li kienu qed jahdmu art li tkun dahlet fl-iskema tal-B.D.A, jibqghu jigu tollerati jahdmu l-art sakemm l-art tigi maqsuma fi plots. Min ikun baqa' jahdem l-art ma jkollu ebda titolu fuq l-art.
"(c) Fid-data li kien qieghed jixhed, l-art kienet ghadha tal-Gvern.

"5. Skond l-Artikolu 5 tal-Att dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini (Kap. 303), b'sehh *"…..mid-data tal-pubblikazzjoni tar-rizoluzzjoni tal-Kamra msemmija fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, l-art kollha li tkun f'area ghall-izvilupp tal-bini ghandha, bis-sahha ta' dan l-Att **u minghajr il-htiega ta' xi formalita' ohra mehtiega b'ligi, titqies ghal finijiet u effetti kollha ta' din il-ligi u ta' kull ligi ohra li hi art akkwistata ghal skop pubbliku b'xiri assolut u bi proprjeta' assoluta, libera u franka minn kull piz, ipoteka jew privilegg taht id-disposizzjonijiet kollha ta'***

***l-Ordinanza** li m'humiex inkompatibbli ma' dan l-Att ghandhom ikomplu japplikaw ghal dik l-art bl-istess mod u taht l-istess kondizzjonijiet daqslikieku l-art giet akkwistata ghal skop pubbliku b'xiri assolut taht l-Ordinanaza"*. Imbaghad, l-Artikolu 5(2) jaqra:-

*"B'sehh mid-data tal-pubblikazzjoni tar-rizoluzzjoni tal-Kamra msemmija fis-subartikolu li jahbat minnufih qabel dan, il-kiri kollu li ghalih l-art setghet kienet suggetta qabel il-pubblikazzjoni tar-rizoluzzjoni ghandu, minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba', bis-sahha ta' dan l-Att jintemm minghajr il-htiega ta' xi formalita' ohra mehtiega b'ligi u ma' dan, dawk id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza, b'mod partikolari d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21 ta' l-Ordinanza ghandhom japplikaw ghall-hlas tal-kumpens mill-Kummissarju lill-kerrej"*.

"Minn qari tal-provvedimenti tal-Kap. 303, jidher li mal-pubblikazzjoni tar-Rizoluzzjoni tal-Kamra tar-Rapprezentanti t-titolu ta' proprjeta' jghaddi minnufih ghand il-Gvern minghajr il-htiega ta' xi formalita' ohra u inoltre l-qbiela tispicca. Provvediment li certament kien jimpingi direttament fuq id-drittijiet fundamentalita- min bhall-konvenuti sabu ruhhom f'dik is-sitwazzjoni. Wiehed ma jistax jonoqos milli jissottolineja li lanqas l-esproprijazzjoni ma kellha dan l-effett, ghaliex taht il-provvediment tal-Kap. 88 il-proprjeta' ma tghaddix ghand il-Gvern mal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni Presidenzjali. Anthony Pace, ufficjal tad-Dipartiment tal-Artijiet, xehed li *"meta art tigi mehuda b'dan il-mod, issir awtomatikament tal-Gvern u kwalunkwe qbiela illi jista' jkun hemm fuq dawn l-artijiet jispiccaw. Eventwalment pero', jithallas il-kumpens. Ghalhekk fl-1985, dik l-art saret tal-Gvern"*[10].

"6. Il-kwistjoni kollha hi jekk fid-data tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kienux jezistu r-rekwiziti kontemplati mil-ligi ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Huwa fatt li fid-data li ntalab (16 ta' Settembru 1986) u li fil-fatt inhareg il-mandat ta' inibizzjoni (6 ta' Awwissu 1986), il-konvenut Zammit

[10] Fol. 73.

Haber ma kienx il-proprjetarju tal-art meritu tal-kawza[11]. Min-naha l-ohra, mill-provi rrizulta li l-art qatt m'ghaddiet fil-pussess materjali tal-Gvern imma baqghet tinhadem minn Joseph Spiteri. L-attur argumenta, fil-kors tas-smiegh tal-kawza, li mill-provi rrizulta li Joseph Spiteri kien ta l-permess tieghu sabiex ighaddu minn gewwa l-art u allura ma kellu ebda dritt li jressaq talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Pero' dan l-argument ma tressaqx bhala wahda mill-kawzali tac-citazzjoni, in kwantu l-attur ibbaza l-lanjanza tieghu fuq il-premessa li l-mandat ma kellu qatt jinhareg ghaliex fid-data tal-hrug tal-mandat l-art ma kienitx proprjeta' tal-konvenut Giovanni Elia Zammit Haber u Joseph Spiteri ma kienx inkwilin. Il-Qorti hija tal-fehma li filwaqt li fir-rigward tal-konvenut Giovanni Elia Zammit Haber l-attur jista' jinghad li ghandu argument, fir-rigward tal-konvenut l-iehor il-Qorti ma taqbilx. Jirrizulta li l-Gvern qatt ma dahal fuq l-art u din baqghet tinhadem mill-bidwi li kellu kull interess li jara li mill-art li kien qieghed jahdem ma jghaddux nies minn go fiha. Fil-fatt fis-seduta tat-18 ta' April 2007, Victor Gilson[12] ikkonferma li *"…bhala gvern qatt ma ha l-pussess materjali ta' l-art"*. Certament li fuq bazi ta' *prima facie* wiehed ma jistax isostni li l-Qorti ma kienitx gustifikata li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Dan apparti l-fatt li mill-atti jirrizulta li fil-kaz ta' proceduri ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, l-attur ghogbu li jibqa' sieket minkejja li inghata kull opportunita' li jwiegeb ghar-rikors u jiddefendi ruhu. Fic-cirkostanzi li sabet ruhha fiha l-Qorti, certament li kienet gustifikata li tasal ghal konkluzjoni li kien hemm ragunijiet *prima facie* ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

"7. Illum il-gurnata jirrizulta li l-art hija proprjeta' tal-konvenut. Jekk originarjament l-attur seta' forsi kellu xi dritt li jikkontesta d-digriet fuq il-bazi li l-elementi rikjesti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma kienux sodisfatti,

---

[11] Fil-kawza fl-ismijiet **Publio Cachia vs Francis Cac hia** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Ottubru 1957 (Vol. XLI.i.498) fejn intalab ir-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni peress li skond l-attur ma kienux jirrikorru l-elementi stabbiliti mil-ligi ghall-hrug tal-mandat, gie osservat:- *"Issa, hu ezatt li fuq ic-citazzjoni prezenti l-Qorti tal-Ewwel Grad ma kellhiex taqta' hlief il-kwistjoni jekk il-konvenut kienx intitolat ghall-hrug tal-mandat, u kwindi hu wkoll ezatt li dik il-Qorti ma setghetx tidhol defenittivament fil-meritu tal-vertenza, imma biss tara jekk kienx hemm ragunijiet prima facie"*.

[12] Ufficjal tad-Dipartiment tal-Artijiet.

is-sitwazzjoni llum m’hijiex dik. F’dan ir-rigward xehed Vincent Gilson[13] li kkonferma li *“jiena nikkonferma illi fejn tidher il-proprjeta’ ta’ Zammit Haber jigifieri n-numru two (2) ma gietx utilizzata mill-gvern ghall-progett taht il-ligi tal-BDA u fil-fatt jiena nista’ nikkonferma illi din inghatat lura lis-sid”* u kompla jzid *“…..min-notament li ghandi fil-file tad-Dipartiment jirrizulta li giet ritornata lil Zammit Haber permezz ta’ Avviz Legali li gie ppubblikat fis-sena elfejn u tlieta (2003), f’April tas-sena elfejn u tlieta (2003)”*. F’dan ir-rigward wiehed jista’ wkoll jaghmel riferenza ghall-principju tal-*jus superveniens*. Kuncett li gie applikat mill-Qrati taghna anke meta difett inizjali gie sanat bis-sopravenienza tad-dritt per ezempju wara l-eccezzjonijiet, sahansitra wkoll meta l-kawza kienet fi stadju ta’ appell. Hekk per ezempju fil-kawzi **Carmela Catro’ vs Arturo Grech et** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-23 ta’ Mejju 1947[14]:- *“illi wara s-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti l-appellanti pprezentat ic-cedola ta’ l-irkupru u b’hekk irradikat id-dritt taghha pretiz fic-citazzjoni. In vista ta’ dan, u bis-sahha tal-principju jus superveniens firmat actionem vel exceptionem, ma jistax jinghad izjed li l-appellanti ma ghandhiex interess ghall-ezercizzju ta’ l-azzjoni prezenti, li ghandha bhala skop li twaqqa’ permuta li tippretendi falza u simulata, biex thares id-dritt taghha ta’ l-irkupru u tlesti t-triq ghall-kawza tar-rivendizzjoni. Ghalhekk biss, ghall-motiv tal-jus superveniens fuq imsemmi, hemm lok li s-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti tigi revokata, u li l-kawza tigi mibghuta lill-istess Qorti ghat-trattazzjoni u definizzjoni fil-meritu”*. Bhal din is-sentenza hemm ohrajn:- **Salvino Abela vs Jimmy Spagnol** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-21 ta’ Jannar, 1986; **Antonio Falzon vs Salvatore Camilleri et** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-8 ta’ Frar, 1943 (Vol. XXXI.i.588); u **Maria Concetta Cardona vs Salvatore Bonnici et** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-30 ta’ Gunju 1947 (Vol. XXXIII.i.195). L-affarijiet zviluppaw b’tali mod li l-konvenuti ghandhom kull dritt li jiddefendu l-jeddijiet li kull wiehed minnhom ghandu fuq il-proprjeta’. Jirrizulta li bejn il-partijiet ghad hemm proceduri gudizzjarji li huma pendenti fuq il-jedd pretiz

[13] Seduta tat-18 ta’ April, 2007.
[14] Vol. XXXIII.i.108.

mill-konvenuti.  Certament li l-konvenuti ghandhom kull dritt li jiddefendu (bil-mezzi li toffri l-ligi) l-jeddijiet taghhom.  Il-bazi fuq liema qieghed jintalab ir-revoka tal-mandat illum il-gurnata ma tissusstix.  Kien fl-interess tal-attur li jara li dawn il-proceduri ma jdumux dawn is-snin kollha pendenti, pero' ghal xi raguni jew ohra baqa' jkaxkar saqajh.

"8.   Il-Qorti qeghda tara li hemm ostakolu iehor ghal din l-azzjoni, u cjoe' li t-talba li ghamel l-attur hi sabiex il-Qorti tiddikjara li l-mandat ta' inibizzjoni huwa null.  Il-Qorti taqbel mar-ragunament li ghamlet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[15] fis-sentenza parzjali fl-ismijiet **ITC Limited et vs LBM Breweries Limited** moghtija fl-20 ta' Ottubru 2005:- *"Hija l-fehma shiha tal-Qorti li l-kejl biex jitqies jekk att gudizzjarju jiswiex jew le ghandu jkun l-istess u bl-ebda mod anqas rigoruz jew sahansitra differenti, kemm jekk l-istharrig tal-Qorti jkun ir-rizultat ta' azzjoni specifika (ope actionis) kemm jekk tali stharrig ikun ir-rizultat ta' eccezzjoni (ope exceptionis) imqanqla fir-rigward dwar dak l-att.  Illi jkun xieraq li jinghad mill-ewwel li l-kazijiet li fihom l-eccezzjoni tan-nullita` ta' atti gudizzjarji tista' tinghata huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.  Dawn l-erba' (4) kazijiet imsemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex att gudizzjarju jitqies ma jiswiex, l-ilment irid bilfors jaqa' taht il-parametri ta' xi wahda minnhom"*. Il-Qorti mhi tirravviza l-ebda nullita` fl-att kawtelatorju nnifsu.  Fir-rigward ta' l-aspett ta' nullita` diga` hemm sentenza parzjali moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Gunju 1988, fejn gie spjegat li *"Generalment in-nullita` ma tintalabx minhabba raguni fil-meritu izda **<u>minhabba raguni procedurali</u>**….."*.  Il-Qorti hi marbuta bit-talba kif maghmula fl-att tac-citazzjoni.  Anke fuq dan l-aspett ma tistax tara kif l-azzjoni tal-attur tista' tirnexxi in kwantu ma tirravviza l-ebda nullita` fil-mandat ta' inibizzjoni numru 137/86.  F'dak l-istadju l-Qorti kellha tara biss jekk ir-rikorrenti kellhomx *prima facie* d-dritt li kienu qeghdin jinvokaw.  Il-Qorti kienet sodisfatta li dan il-jedd kien jezisti u li kien hemm l-elementi l-ohra rikjesti, u

[15] Onor. Imhallef Joseph R. Micallef.

ghaddiet biex tilqa' t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni. Minn qari tac-citazzjoni jidher li r-raguni ta' kontestazzjoni hija marbuta mal-meritu nnifsu li, bis-sahha tieghu, inhareg l-att kawtelatorju. Din m'hijiex, fil-fehma ta' din il-Qorti, kwistjoni ta' nullita` li taqa' taht l-Artikolu 789 tal-Kap.12. Bla dubju hemm distinzjoni bejn nullita` ta' att gudizzjarju u li azzjoni tkun insostenibbli. Tal-ewwel hija sanzjoni formali, tal-tieni hija "sanzjoni" sostantiva fil-meritu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, tichad it-talbiet tal-attur ghar-ragunijiet fuq moghtija.

"Dwar l-ispejjez, il-Qorti hija tal-fehma li minhabba c-cirkostanzi fuq spjegati hemm lok ghal temperament fil-kap tal-ispejjez fis-sens li kull parti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha, salv ghall-ispejjez relatati mal-ewwel eccezzjoni li huma a karigu tal-konvenuti. Fir-rigward tal-ispejjez relatati mal-eccezzjoni ulterjuri, dawn diga` gew regolati permezz tas-sentenza parzjali moghtija fit-2 ta' Gunju 1988."

**<u>Rikors tal-appell tal-attur George Galea</u>**

L-attur ħass ruħu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u interpona appell minnha.

L-aggravji tiegħu huma in succint dawn:

(1) Il-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata fil-konsiderazzjonijiet magħmula minnha fir-rigward il-konvenut Joseph Spiteri billi skont l-Artikolu 5(2) dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini, ladarba saret il-pubblikazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati ma kienet meħtieġa l-ebda formalita` oħra jew li l-Gvern jieħu l-pussess materjali tal-art sabiex isir it-trasferiment tat-titolu u jinħallu kull xorta ta' dritt jew kirjiet li l-art setgħet kienet soġġetta għalihom.

(2) Il-mandat ta' inibizzjoni kellu jiġi revokat stante li huwa null peress li l-konvenuti ma kellhom l-ebda interess ġuridiku sabiex jipproponu l-ħrug tiegħu billi ma kinux proprjetarji tal-art u tal-ebda titolu ieħor u lanqas kellhom aktar il-pussess tal-għalqa mertu tal-kawża. Għalhekk nonostante l-fatt li sussegwentement fil-mori tal-kawża l-konvenuti reġgħu ġew integrati fil-pussess tal-għalqa, ladarba l-att innifsu li bih ġie mitlub il-ħruġ tal-mandat kien null *ab initio*, ma setax wara jiġi wara sanat. Il-principju tal-*ius superveniens firmat actionem vel exceptionem* ma japplikax għax l-att li kien null mill-oriġini tiegħu ma jistax jiġi sanat minn xi att ieħor. It-teorija tal-*ius superveniens* hija applikabbli biss meta l-obbligazzjoni li tkun il-bażi tal-azzjoni tkun sospiża b'kundizzjoni jew b' terminu, u din il-kundizzjoni tavvera ruħha jekk it-terminu jagħlaq waqt il-kawża.

(3) L-appellant m'għandux jiġi ppreġudikat minħabba l-fatt li l-proceduri odjerni damu għaddejjin 'l fuq minn għoxrin sena. Li kieku l-kawża inqatgħet fi żmien raġjonevoli l-attur ma kienx jisfa sokkombenti fil-ġudizzju.

**<u>Risposta tal-appell tal-konvenuti appellati kif rappreżentati minn Żakkarija Zammit Haber</u>**

Fir-rigward tal-ewwel aggravju l-appellati jsostnu li l-iktar ħaġa importanti hija li wieħed jara x'kellha quddiemha l-Qorti oriġinali u abbażi ta' xiex kellha tasal għad-deċiżjoni tagħha, mhux dak li qed jgħid issa l-attur appellanti. Huma jaccennaw għall-fatt li fil-mandat oriġinali l-attur odjern qatt ma ppreżenta risposta, anżi baqa' sieket dwar l-import tal-mandat, filwaqt li Joseph Spiteri kien spjega li kien inkwilin tar-raba u xtaq jipproteġi l-pussess tiegħu tal-istess raba. Għalhekk jargumentaw li abbażi ta' dawn il-fatti tajjeb ikkonkludiet l-ewwel Qorti fid-deċiżjoni appellata li l-Qorti oriġinali kellha raġun tħossha sodisfatta fuq bażi prima facie li l-esponenti, u partikolarment Joseph Spiteri, kellhom drittijiet x' jipproteġu.

L-appellati jaccennaw ukoll għall-fatt li l-ewwel Qorti marret oltre minn hekk u anke kkunsidrat ix-xhieda importanti ta' Vince Gilson minn fejn jirriżulta li l-Gvern

effettivament qatt ma ħa pussess tal-art in kwistjoni u ukoll li l-art ġiet ritornata lis-sid. Din ix-xiehda, jargumentaw l-appellati, serviet biex seta' jiġi applikat il-principju tal-*ius superveniens*.

Fir-rigward tat-tieni aggravju fejn l-appellant jargumenta li l-principju tal-*ius superveniens* ma jistax japplika għal dan il-każ peress li l-mandat huwa wieħed null, l-appellati jargumentaw illi l-appellant ma allegax li kien hemm xi nuqqas procedurali fl-atti tal-mandat iżda sempliciment stqarr li d-deciżjoni tal-Qorti oriġinali fil-mandat ma kinix ġustifikata fuq bażi prima facie. Ġjaladarba mhux qed jiġi allegat li kien hemm xi nuqqas fil-mod li bih saru l-proceduri tal-mandat, ma jistax japplika l-principju tal-*quid nullum est nullum producit effectum.* L-appellati jinsistu li l-*ius superveniens* japplika perfettament għal dawn il-proceduri u l-ewwel Qorti kellha raġun tapplikah.

Fit-tielet aggravju l-attur isostni li m' għandux jiġi ppreġudikat minħabba d-dewmien li kien hemm fil-kawża. Dwar dan, l-appellati jargumentaw li kien l-attur appellant innifsu li ħalla l-kawża titkarkar għal tant snin mingħajr ma jipproduci provi. Ikomplu jgħidu li għalkemm il-pożizzjoni tal-attur kienet mill-bidu nett sfavorevoli għalih, it-trapass taż-żmien sewa biex tefa' iżjed il-bilanc favur il-konvenuti, bil-konsegwenza li l-ewwel Qorti ħassitha iktar konvinta b' mod assolut li ticħadlu t-talbiet tiegħu. Skond l-appellati, kien l-attur stess li bit-tkaxkir taż-żmien wassal biex ippreġudika iżjed il-pożizzjoni tiegħu.

L-appellati jsostnu wkoll li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-attur, u di piu`, fil-fehma tagħhom id-deciżjoni appellata hija tant cara u konvincenti li kwalunkwe appell minnha huwa fieragħ u vessatorju. Għalhekk, bħala tali, jitolbu lil din il-Qorti tapplika l-Artikolu 223(4) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u tikkundanna lill-appellanti għad-*doppio spese*.

**<u>Risposta tal-appell tal-kuraturi deputati l-Avukat Mark Busuttil u PL Doreen Aquilina</u>**

Il-kuraturi deputati Dr Mark Busuttil u PL Doreen Aquilina wiegbu li huma mhux edotti mill-fatti u għalhekk qegħdin jirriservaw li jippreżentaw risposta. Mingħajr preġudizzju għas-suespost jirrilevaw li l-ewwel sentenza hija ġusta u korretta u timmerita konferma.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

<u>Fl-ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant isostni li l-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti fir-rigward ta' Joseph Spiteri kienu żbaljati għaliex ma kienx hemm bżonn li l-Gvern jieħu l-pussess materjali tal-art sabiex isir it-trasferiment tat-titolu u jinħallu kull xorta ta' dritt jew kirjiet li l-art setgħet kienet soġġetta għalihom.

L-attur fic-citazzjoni bbaża l-argument tiegħu li l-mandat ta' inibizzjoni ma kellux jinħareġ fuq il-fatt li dak iż-żmien la l-konvenut Giovanni Elia Zammit Haber ma kien il-proprjetarju tal-art in kwistjoni u lanqas iż-żewġ konvenuti Giovanni Elia Zammit Haber u Joseph Spiteri, li għandu kienet imqabbla l-art, ma kellhom il-pussess tar-raba. Minn ezami tas-sentenza appellata jidher li lill-ewwel Qorti rriżultalha li l-konvenut Zammit Haber effettivament ma kienx il-proprjetarju tal-art in kwistjoni, u li l-art, minkejja li saret tal-Gvern, qatt ma għaddiet fil-pussess materjali tal-Gvern iżda baqgħet tinħadem mill-bidwi Joseph Spiteri. Ħasset għalhekk li filwaqt li fir-rigward tal-konvenut Zammit Haber l-attur "jista' jingħad li kellu argument", ma kienx il-każ fir-rigward ta' Spiteri li baqa' jaħdem l-għalqa. Osservat ukoll li fil-proceduri għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni, l-attur George Galea baqa' sieket minkejja kull opportunita` li jwieġeb għar-rikors u jiddefendi ruħu. Għalhekk l-ewwel Qorti ħasset li fuq bażi ta' *prima facie* wieħed ma jistax isostni li l-Qorti li kellha tiddeciedi dwar ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ma kinitx ġustifikata illi tordna l-ħruġ tal-istess mandat.

Huwa minnu li a tenur tal-Att dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini (Kap 303) jidher li mal-pubblikazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti t-titolu tal-proprjeta` jgħaddi minnufih għand il-Gvern mingħajr il-ħtieġa ta' xi formalita` oħra, u inoltre l-qbiela jispicca. Iżda kif jargumentaw l-

appellati, wieħed irid jara x' kellha quddiemha l-Qorti li kellha tiddeciedi dwar ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat u a bażi ta' xiex kellha tasal għad-deċiżjoni tagħha. Fl-1 ta' Awwissu 1986[16] Zammit Haber u Spiteri ppreżentaw ir-rikors għal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Ir-rikors issejjaħ fis-6 ta' Awwissu 1986 u dehru biss l-istess rikorrenti. Kif jidher mid-digriet (ara fol. 13) il-Qorti dak in-nhar semgħet lir-rikorrent Joseph Spiteri. L-intimat George Galea baqa' ma deherx u lanqas ma deher id-difensur tiegħu.

Għalhekk bħala informazzjoni li kellha quddiemha l-Qorti li kellha tiddeciedi dwar ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat kien hemm: (1) ir-rikors tal-1 ta' Awwissu 1986 li jgħid li l-art hija proprjeta` ta' Zammit Haber u mqabbla għand Joseph Spiteri, liema rikors ġie kkonfermat bil-ġurament minn Zammit Haber fl-istess ġurnata, u (2) ix-xiehda *viva voce* ta' Joseph Spiteri, dak li kien jaħdem l-għalqa in kwistjoni, liema għalqa kienet baqgħet fil-pussess materjali tiegħu anke wara l-pubblikazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti. In vista ta' din l-informazzjoni l-Qorti kienet sodisfatta li *prima facie* deher li r-rikorrenti Zammit Haber u Spiteri kellhom jeddijiet fuq l-art u li aġir ta' George Galea kien ta' preġudizzju għal dawn id-drittijiet. Dak kollu li qed jargumenta l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu dwar l-effett awtomatiku tar-riżoluzzjoni messu ġabu a konjizzjoni tal-Qorti li kellha tiddeciedi dwar ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat, iżda minflok huwa għażel li jibqa' sieket u ma jiddefendix ruħu.[17]

Dan l-aggravju ghalhekk jidher li huwa infondat.

<u>Fit-tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant isostni li l-mandat ta' inibizzjoni kien null u kellu jiġi revokat għaliex l-appellati ma kellhom l-ebda interess ġuridiku biex jipproponu l-ħruġ

---

[16] Din id-data ġiet erronjament indikata mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata bħala s-16 ta' Settembru 1986 (fol 5)

[17] *"Għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hu biżżejjed illi l-Qorti, fl-apprezzament tagħha, tkun sodisfatta li "prima facie" jkun jidher li min jitlob l-ispedizzjoni ta' dak il-mandat ikollu dritt u għall-kawtela tiegħu jkun meħtieġ il-ħruġ tal-mandat, avolja jista' talvolta, f'ġudizzju "ad hoc" jirriżulta li fil-fatt hu ma jippossjedix dak id-dritt.....il-Qorti imissha tara biss jekk kienx hemm raġuni "prima facie" biex jinħareġ il-mandat."*, **Qorti tal-Appell, Publio Cachia v. Francis Cachia, deciża 30 ta' Ottubru 1957**.

tiegħu ladarba mhux biss ma kellhomx titolu fuq l-għalqa, iżda lanqas ma kellhom il-pussess taghha. Fir-rigward tar-referenza li għamlet l-ewwel Qorti għall-*jus superveniens* l-appellant jargumenta li nonostante l-fatt li fil-mori tal-kawża l-konvenuti reġgħu ġew reintegrati fil-pussess tal-għalqa, gialadarba l-att innifsu li bih ġie mitlub il-ħruġ tal-mandat kien "proceduralment null *ab initio"*, ma setax wara jiġi sanat.

Dwar l-allegata nullita`, din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, ma tara li hemm l-ebda nullita` procedurali fl-att kawtelatorju innifsu. Kif spjegat l-ewwel Qorti, il-Qorti li kellha tiddeciedi dwar ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kellha tara jekk *prima facie* kienx jeżisti d-dritt li kien qiegħed jiġi allegat. Fic-citazzjoni l-attur jilmenta li peress li l-konvenuti la kellhom titolu u lanqas pussess tal-għalqa ma jirrikorrux l-elementi kif rikjesti mill-Artikolu 876 (illum 873) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u dan għaliex lanqas *prima facie* ma kellhom dritt fuq il-proprjeta`. Iżda kif diġa` ġie spjegat, il-Qorti li kellha tiddeciedi dwar ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni ma kellhiex mod kif tkun taf li f'dak il-mument ir-rikorrenti effettivament ma kellhomx dritt fuq l-art (ladarba r-rikorrent għażel li jibqa' sieket) u in oltre, mill-informazzjoni li kellha, ħasset li mill-provi prodotti quddiemha, il-mandat kien necessarju sabiex jitħarsu d-drittijiet tar-rikorrenti u li *prima facie* deher li kellhom.

Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, jidher li r-raġuni ta' kontestazzjoni tal-mandat permezz ta' din ic-citazzjoni hija marbuta mal-<u>mertu</u> nnifsu, li bis-saħħa tiegħu inħareġ l-att kawtelatorju. Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li din mhix kwistjoni ta' nullita` li taqa' taħt xi waħda mill-erba' każijiet imsemmija fl-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12[18] iżda tidħol fis-sostantiv tal-mandat. Il-fatt li fiż-żmien li r-rikorrenti talbu l-ħruġ tal-mandat u anke fiż-żmien li

---

[18] Għalkemm dan l-artikolu jelenka l-każijiet fejn tista' tiġi <u>eccepita</u> n-nullita`, l-ewwel Qorti rreferiet għad-deciżjoni mogħtija mill-Prim Awla fir-rigward tal-kawża **ITC Ltd et v. LBM Breweries Ltd** (20.10.2005) fejn ġie ritenut li l-kejl biex jitqies jekk att ġudizzjarju jiswiex jew le għandu jkun l-istess kemm jekk l-istħarriġ tal-Qorti jkun ir-riżultat ta' <u>azzjoni</u> u kemm jekk riżultat ta' <u>eccezzjoni</u>.

effettivament inħareġ tali mandat favurihom huma in effetti ma kellhomx jeddijiet fuq l-art ma jirrendix il-mandat null.

Dwar ir-referenza li l-ewwel Qorti għamlet fir-rigward tal-*jus superveniens*, għandu jingħad li l-ewwel Qorti bl-ebda mod ma rrikorriet għal dan il-principju biex "tissana" att null kif qed jiġi insinwat f'dan it-tieni aggravju. Kif diġa ġie spjegat, il-mandat in kwistjoni ma kien milqut mill-ebda nullita`. In oltre, l-ewwel Qorti ma "bbażatx" id-deċiżjoni tagħha fuq dan il-principju tal-*jus superveniens* kif qiegħed jiġi allegat mill-appellant fit-tieni aggravju tiegħu. L-ewwel Qorti fil-fatt għoġobha tqajjem dan il-punt wara li diġa` kienet iddikjarat li fuq bażi *prima facie* il-Qorti li ddecidiet dwar ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat kienet ġustifikata li tordna l-ħruġ tal-mandat. Fil-paragrafu numru 6, l-ewwel Qorti fil-fatt irriteniet illi "*Fic-cirkostanzi li sabet ruħha fiha l-Qorti, certament li kienet ġustifikata li tasal għall-konklużjoni li kien hemm raġunijiet prima facie għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni*."

Kien imbagħad fil-paragrafu numru 7 li l-ewwel Qorti rreferiet għall-fatt li għalkemm fiż-żmien tal-ħruġ tal-mandat ir-rikorrenti (konvenuti) effettivament ma kellhomx titolu, illum il-ġurnata is-sitwazzjoni hija waħda differenti. Spjegat kif l-affarijiet żviluppaw b' tali mod li issa l-konvenuti għandhom kull dritt li jiddefendu l-jeddijiet li kull wieħed minnhom għandu fuq il-proprjeta`. Il-mod kif hija semmiet dan il-principju ta' *jus superveniens* kien fis-sens ta' kif wieħed jagħmel argument "għall-grazzja tal-argument". Hija sempliciment ikkummentat li anke "jekk" kellu jiġi argumentat li l-attur "seta' forsi" kellu raġun jikkontesta d-digriet minħabba n-nuqqas ta' titolu tal-konvenuti fiż-żmien li sar ir-rikors u ingħata d-digriet relattiv, illum il-ġurnata s–sitwazzjoni hija differenti.[19]

Fl-aħħar aggravju tiegħu l-appellant jissottometti li m'għandux jiġi ppreġudikat minħabba l-fatt li l-proceduri odjerni damu għaddejjin 'il fuq minn għoxrin sena.

[19] "*Jekk oriġinarjament l-attur seta' forsi kellu dritt li jikkontesta d-digriet fuq il-bażi li l-elementi rikjesti għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni ma kinux sodisfatti, is-sitwazzjoni llum m'hijiex dik*". (para 7, fol 6 tas-sentenza)

Jargumenta illi li kieku l-kawża inqatgħet fi żmien "raġjonevoli" ma kienx jisfa' sokkombenti fil-ġudizzju.

Din il-Qorti ma taqbilx ma tali raġjonament. Veru li fil-mument li ġiet istitwita l-kawża odjerna l-konvenuti effettivament ma kellhom l-ebda titolu u li kien proprju fil-mori tal-kawża li l-art reġgħet ġiet tappartjeni lil Zammit Haber. Madanakollu wieħed għandu jżomm f'rasu li l-ewwel Qorti iddecidiet il-kwistjoni abbażi tal-fatt li fil-mument tat-talba u l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kien jidher *prima facie,* ma' l-ewwel daqqa t' għajn, li hemm drittijiet x'jiġu kkawtelati u li bl-aġir tiegħu l-attur kien qed jippreġudika dawn id-drittijiet. Kif diġa` ġie spjegat fil-paragrafi precedenti, għalkemm l-ewwel Qorti rreferiet għall-fatt li fil-kors tal-proceduri s-sitwazzjoni inbiddlet, hija bbażat id-deciżjoni tagħha principalment fuq jekk mill-informazzjoni li kellha quddiemha l-Qorti li kellha tiddeciedi dwar ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat, hija kinitx ġustifikata tikkonkludi li l-mandat kellu jinħareġ.
Dwar l-ilment tal-appellant li l-kawża ma nqatgħetx fi żmien raġjonevoli din il-Qorti tosserva li l-kawża odjerna marret *sine die* fid-29 ta' Mejju 1990 u fis-26 ta' Mejju 1992 minħabba nuqqas da parti tal-attur stess li jressaq provi. Jirriżulta wkoll pero` li l-kawza damet tiġi differita għal snin twal biex issir it-trasfużjoni tal-ġudizzju minħabba l-mewt ta' Giovanni Elia Zammit Haber fit-3 ta' Jannar 1993. In fatti kien fit-18 ta' Settembru 2006 (iktar minn tlettax-il sena mill-mewt tal-konvenut Zammit Haber) li finalment sar rikors mill-eredi ta' Giovanni Elia Zammit Haber biex issir it-trasfużjoni tal-ġudizzju. L-attur da parti tiegħu fil-5 ta' Frar 2002 (disa' snin wara l-mewt ta' Zammit Haber) kien għamel rikors biex a tenur tal-Artikolu 807(1) tal-Kapitolu 12 il-kawża tgħaddi fil-persuna tal-werriet preżunt tal-konvenut, Lawrence Zammit Haber. Il-Qorti minflok ma mxiet mal-procedura kkontemplata fl-Artikolu 807[20] sempliciment laqgħet ir-rikors (ara fol 138),

[20] Artikolu 807:

(1): Jekk ebda persuna ma tagħmel rikors fejn titlob li l-kawża titkompla f'isimha, minflok il-parti li tkun mietet, il-parti l-oħra tista', b' rikors, titlob li l-kawża tgħaddi fil-persuna tal-werriet jew werrieta preżuntivi tal-parti li tkun mietet, jekk ikunu magħrufa

iżda t-trasfużjoni vera u proprja saret fit-3 ta' Ottubru 2006 wara li intlaqa' r-rikors tal-eredi ta' Zammit Haber. Fil-fatt l-emenda fic-citazzjoni da' parti tad-deputat reġistratur (għalkemm effettivament ma tidher l-ebda firma tad-deputat reġistratur wara tali emenda) tidher li saret propju f'Ottubru 2006. Jiġi osservat ukoll li fil-verbal tal-20 ta' Settembru 2005 il-Qorti kienet ikkummentat fuq "*in-non kuranza tal-attur sabiex din il-kawża ssib finalment l-eżitu tagħha u li ilha pendenti mill-1986*" u kienet ikkancellat il-kawża minn fuq il-lista – ghalkemm effettivament sa dak l-istadju kienet għadha ma saritx it-trasfużjoni tal-ġudizzju kif suppost.

Għalhekk huwa minnu li l-kawża twalet esaġeratament, kif qed jallega l-appellant, u li t-tort certament ma kienx kollu tiegħu. Din il-Qorti pero` tirritjeni li irrispettivament mill-fatt li l-art reġgħet ġiet irritornata lil Zammit Haber fil-mori tal-kawża, u bħala konsegwenza ta' din l-izvolta il-posizzjoni tal-konvenuti nbiddlet, xorta wahda jibqa' l-fatt illi ma kienx hemm nullita` li kellha tiġi sanata fir-rigward tal-mandat ta' inibizzjoni.

It-talba tal-appellati sabiex jiġi applikat l-Artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 u l-appellant jiġi ordnat iħallas id-*doppio spese* qed tiġi micħuda peress li għalkemm l-aggravji huma infondati, din il-Qorti ma tarax li huma frivoli u vessatorji.

---

(2) Dar ir-rikors għandu b'ordni tal-Qorti jiġi notifikat lill-werriet preżuntiv jew werrieta preżuntivi li jkollha żmien xahar li fih ikunu jridu jiddikjaraw jekk humiex bi ħsiebhom ikomplu l-kawża.

(3) Jekk ma ssirx dik id-dikjarazzjoni l-Qorti għandha *ex officio* tgħaddi biex taħtar kuratur *ad litem* sabiex dan jirrappreżenta l-interessi tal-mejjet fil-kawża skond Artikolu 809.

(4) Meta ma jkun magħruf ħadd li jista' jirrappreżenta l-mejjet, dak ir-rikors jista' jkun fih biss talba għall-ħatra ta' kuraturi biex ikomplu l-kawża.

(5) Il-kuratur għandu jieħu dawk il-passi kollha meħtieġa biex jidentifika u jsib fejn ikunu l-eredi preżuntivi tal-mejjet u meta dawn jiġu hekk identifikati u misjuba, l-kuratur għandu jitlob lill-Qorti sabiex tinnotifikahom dwar il-kawża pendenti u l-Qorti għandha tordnalu jew tordnalhom jiddikjaraw fi żmien specifikat jekk humiex lesti li jkomplu l-kawża.

Għal dawn ir-raġunijiet, tiddeciedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż ta’ dan l-appell għandhom jitħallsu unikament mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------